31997L0064

19.11.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 315/13

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/64/KE

ta' l-10 ta' Novembru 1997

li tadatta għall-progress tekniku għar-raba' darba l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluży (żjut għal-lampi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluży [1], kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 97/16/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2a tagħha, introdott permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 89/678/KEE [3],

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 89/677/KEE [4] li emendat għat-tmin darba d-Direttiva 76/769/KEE iprojbixxiet l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluży f'oġġetti ta' tiżjin, trikks u ċajt, u logħob;

minn dakinhar ġie magħruf li ċerti minn dawn is-sustanzi u preparazzjonijiet perikoluży fil-għamla ta' żejt klassifikat bħala li jirrapreżenta perikolu meta jittieħed nifs 'il ġewwa, speċjalment meta huwa kkulurit, joħolqu riskju għas-saħħa tal-bniedem u speċjalment għas-saħħa tat-tfal żgħar, speċjalment meta użati f'lampi dekorattivi;

Billi l-*marketing* ta' tali żjut kkuluriti għall-użu f'lampi dekorattivi għandu jkun ristrett;

Billi r-restrizzjonijiet dwar il-*marketing* ta' tali żjut ikkuluriti stipulati permezz ta' din id-Direttiva jieħdu in konsiderazzjoni l-istat kurrenti ta' tagħrif u teknika rigward alternattivi inqas perikoluży;

Billi din id-Direttiva ma taffettwax il-leġiżlazzjoni tal-Komunità li tistabilixxi l-ħtiġiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE [5] u f'direttivi individwali bbażati fuqha, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE [6];

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma in konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-addament għal progress tekniku tad-Direttivi dwar it-tneħħija ta' ostakli tekniċi tal-kummerċ f'sustanzi u preparazzjonijiet perikoluży,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE hu hawnhekk adattat għal progress tekniku kif stabbilit fl-Anness ta' hawn.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta'Ġunju ta' l-1998 u għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-31 ta' Diċembru 1998.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal tali referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Novembru 1997.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 24.
[2] ĠU L 116, tas-6.5.1997, p. 31.
[3] ĠU L 398, tat-30.12.1989, p. 24.
[4] ĠU L 398, tat-30.12.1989, p. 19.
[5] ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.
[6] ĠU L 196, tas-26.7.1990, p. 1.

L-ANNESS

Fl-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE, il-punt 3 għandu jkun sostitwit permezz tal-punt segwenti:

"Sustanzi likwidi jew preparazzjonijiet, li huma meqjusa bħala perikolużi skond id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2(2) u l-kriterji fl-Anness IV, Parti 2,3 u 4, għad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju ta' l-1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta'sustanzi perikolużi ([1]), kif adattata għal progress tekniku permezz tad-Direttivi tal-Kummissjoni 93/21/KEE ([2]) u 96/54/KE ([3]).	1. Ma jistax ikun uzat fi: — oġġetti ornamentali, intenzjonati sabiex jipproduċu dawl jew effetti kkuluriti permezz ta' fażijiet differenti, per eżempju lampi ornamentali u ashtrays, — trikks u ċajt — logħob għal wieħed jew iktar parteċipanti, jew kwalunkwe oġġett intenzjonat sabiex ikun uzat bħala tali, anki b'aspetti ornamentali. 2. Mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, sustanzi u preparazzjonijiet li: — jipprezentaw periklu meta nifs huwa meħud 'il ġewwa u huma ttikettjati bi R65, u — jistgħu jkunu uzati bħala karburant f'lampi dekorattivi, u — huma mqiegħda fis-suq f'imballaġġ b'kapaċita' ta' 15 il-litru jew inqas, ma jistgħax ikollhom aġent koloranti, sakemm mhux meħtieġ għal raġunijiet fiskali, jew fwieħa jew it-tnejn. Mingħajr preżudizzju għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità' dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, l-imballaġġ ta' sustanzi u preparazzjonijiet koperti minn paragrafu 2, meta huma intenzjonati għall-użu f'lampi, għandhom ikunu mmarkati b'mod leġibbli u li ma jitħassarx kif ġej: 'Ħalli l-lampi mimlija b'dan il-likwidu f'post fejn ma jistax jintlaħaq mit-tfal.'

([1]) ĠU L 196, tas-16.8.1967, p.1.
([2]) ĠU L 110, ta' l-4.5.1993, p.20.
([3]) ĠU L 248, tat-30.9.1996, p.1."